# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR.DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR.(EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Mejju 1999**

**Numru 32**

**Citaz. numru 871/84 DS**

**Mons. Mathew Chircop noe**
**vs**
**George Galea**

Citaz. Nru. 871/84
Monsinjur Matthew Chircop bhala Direttur tal-Opri Missjunarji Pontifici, cioe' Propagazzjoni tal-Fidi, Santa Infanzja u Kleru Indigenu, in rapprezentanza tal-istess
vs
George Galea

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-6 ta' Lulju 1984 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi:

Fl-14 ta' Gunju 1983, miet George Falzon bin il-mejtin Carmelo u Giuseppa nee' Genovese, imwieled u joqghod Hal-Qormi, u bit-testment tieghu datat it-23 ta' April 1980 (Dok.A) huwa halla lill-Opri Missjonarji Pontifici (l-attur nomine) legato di residio wara li l-beni jigu likwidati u konvertiti fi flus kontanti u wara li jithallsu l-legati imsemmijin fit-testment tieghu;

U peress illi fost il-beni li halla l-mejjet hemm zewg polok tad-deheb illi fil-gurnata tal-mewt ta' George Falzon kienu ghadhom fil-pussess tal-

konvenut billi l-konvenut kien naqas milli jirritornahomlu nonostante li huwa kien talabhomlu f'diversi drabi;

U peress illi dawn iz-zewg polok il-mejjet kien ikkonsenjohom lill-konvenut sabiex huwa sempliciment izommhomlu, pero' wara xi zmien huwa riedhom lura fil-pussess tieghu, u l-konvenut dan m'ghamlux, u baqa' ma ghamlux anki wara li George Falzon miet avolja l-attur noe talabhomlu kemm il-darba, anki b'ittri interpellatorji;

talab  lil din il-Qorti;

1. tordna lill-konvenut jirritorna fi zmien qasir u perentorju li jaghogobha tiffissa dawn iz-zewg polok tad-deheb kif fuq deskritti appartenenti lill-eredita' ta' George Falzon, l-identifikazzjoni ezatta ta' liema polok jigi maghmul waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kif jirrizulta car mill-provi u f'kaz li dawn m'ghadhomx fil-pussess tieghu ghax bieghhom jew b'xi mod iehor m'ghadhomx ghandu, jigi ikkundannat li jhallas il-valur reali taghhom lill-attur noe., liema valur jigi stabbilit minn dina l-Qorti b'opera ta' periti nominandi, billi huwa kien responsabbli ghalihom;

2. Bl-ispejjes, inkluzi dawk taz-zewg ittri bonarji tas-16 ta' Novembru 1983, u tal-31 ta' Jannar 1984, bl-imghaxijiet legali bit-8% fis-sena f'kaz li jigi kkundannat ihallas il-prezz tal-oggetti, mid-data tal-mewt ta' George Falzon, cioe' l-14 ta' Gunju 1983, kontra il-konvenut li jibqa ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress li z-zewg polok tad-deheb in kwistjoni gew regalati lill-eccipjent mid-decujus George Falzon, li kien guvni, xi snin qabel miet.

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat il-verbali tax-xiehda migbura mill-perit legali Dr. Francis X. Cassar li kien nominat b’digriet tat-30 ta’ April 1985 u dik migbura minn Dr. Guido Pace Spadaro li kien nominat b’digriet tat-13 ta’ Mejju 1991;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi prodotti jirrizulta li b'testment tat-23 ta' April 1980 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel, George Falzon kien halla lill-Opri Missjunarji Pontifici legato di residuo wara li l-assi ereditarju tieghu jigi kollu likwidat u konvertit fi flus kontanti u jigu mhallsa l-legati l-ohra msemmija fit-testment u d-debiti relattivi. Din il-kawza giet promossa mid-direttur generali tal-Opri Pontificji Missjonarji stante li George Falzon miet fl-14 ta' Gunju 1983 u z-zewg polok imsemmijin fic-citazzjoni kienu allegatament jifformaw parti mill-assi ereditarju tieghu.

In sintezi jidher li dawn iz-zewg polok, li l-attur u x-xhieda tieghu ma kinux f'pozizzjoni li jiddeskrivu peress li qatt ma kienu rawhom filwaqt li l-konvenut iddeskrivihom bhala "bicca katina kemm kem ehxen minn gizirana normali u twila xi tmien pulzieri" u li ma kellhom xejn maghhom, bhal arlogg, id-decuius kien tahom lill-konvenut xi tliet snin qabel ma miet, skond il-konvenut ghall-habta ta' Frar 1980. Issa filwaqt li l-konvenut ighid li George Falzon kien irregalalu l-polok, il-verzjoni attrici hi li dawn kienu nghatawlu "for safe-keeping".

Dun Guzepp Fenech, direttur djocesan tal-Opri Missjonarji Pontificji, xehed li f'April 1983 baghat ghalih George Falzon u meta mar hdejh f'Has-Serh Falzon qal lix-xhud li xi zmien qabel kien ta l-polok lill-konvenut meta darba l-konvenut mar id-dar tieghu, ikkunsiljah biex ma jzommx deheb id-dar u pperswadieh jaghtihomlu u li ghalkemm kien talab lill-konvenut kemm-il darba biex iroddhomlu, dan naqas milli jaghmel hekk. Dun Guzepp ghalhekk kiteb lill-konvenut fejn talbu jirritorna l-polok lil Falzon (Dok. JF a fol. 87). Il-konvenut cempillu u, fost hafna diskors, qallu li huwa kien mar ghand id-decuius (li kien jigi kugin ta' omm il-konvenut) ghax xi hadd kien qallu li kien qed iqassam id-deheb u li fil-fatt il-polok kien tahomlu. Dun Guzepp zied ighid li wara April 1983 sakemm miet George Falzon baqa' nkwetat fuq il-polok u qallu li kien seraqhomlu u li qatt ma kien mar jarah f'Has-Serh. Wara li miet Falzon, Dun Guzepp kien avvicinat minn Antonio Genovese, wiehed mil-legatarji, li nsista ma' Dun Guzepp biex jaghmel xi haga dwar il-polok. Fid-denunzja x-xhud ma ddikjarax il-polok peress li ma kinux f'idejh u kien intenzjonat li jekk jigu f'idejh jaghmel stima taghhom u jaghmel denunzja addizzjonali. Fil-fatt kien qata' qalbu li se jigu f'idejh. Il-Qorti tistqarr mill-ewwel li r-ragunijiet li ta x-xhud ghaliex ma ddikjarax il-polok fid-denunzja huma verosimili u tali nuqqas ma hu ta' ebda konsiderazzjoni ghad-decizjoni finali.

Antonio Genovese xehed ukoll dwar il-kwistjoni tal-polok. Huwa qal li d-decuius kien ikun inkwetat dwarhom u li kien qallu li l-polok kien tahom

lill-konvenut biex izommhomlu u lira tad-deheb ghalih. Talab lix-xhud biex ighid lil Dun Guzepp Fenech li ried ikellmu u anke talbu biex imur jitlobhomlu lill-konvenut. Huwa wassal ir-risposta lil Dun Guzepp Fenech izda lill-konvenut ma marx ifittxu fejn qaltlu li joqghod ohtu. Id-diskors dwar il-polok inqala' xi xahrejn qabel ma miet id-decuius. Ix-xhud stqarr li kellu interess fil-polok ghax kien weghdu wahda d-decuius.

Il-konvenut xehed li darba kien fuq xoghol f'Hal-Qormi u kellu xufier mieghu. Kif kien ghaddej mill-Main Street, Qormi, ra lil ommu li qaltlu li George Falzon kien ghadu kemm ta curkett lil huha Guzeppi. Huwa ghalhekk iddecieda li jmur ghand Falzon u jitolbu xi haga. Mieghu mar ix-xufier, Charles Cortis. Kif dahlu, il-konvenut saqsa lil Falzon jekk kellux xi haga tad-deheb ghalih u dan, minghajr ma kelmu, tela' fuq u kif nizel qallu: "Ha, ghax int biss ma hadt xejn". Tah borza tac-carruta kollha mherrija. Fiha kien hemm iz-zewg polok u lira tad-deheb. Huwa semma okkazjonijiet ohra sussegwenti meta qeda lil Falzon u anke Falzon tah xi oggetti. Sostna li, ghajr l-ittra minghand Dun Guzepp Fenech, Falzon stess qatt ma talabhomlu lura l-polok u kieku talabhomlu personalment kien itihomlu lura. Huwa ma emminx il-kontenut ta' l-ittra li kien ircieva minghand Dun Guzepp Fenech ghax ma basarx li Falzon kellu jiktiblu jew igieghel lil min jikteb ghalih wara 39 xahar. Huwa cahad li meta Falzon tah id-deheb qallu li meta jitlobhomlu jrid iroddhom. Cahad ukoll li Falzon iddifferenzja bejn il-lira tad-deheb u l-polok. Il-konvenut qal li l-polok effettivament kien stmahom ghand wiehed tad-deheb il-Marsa ghal Lm120 u sussegwentement bighhom ghal dak il-prezz.

Fil-kamp civili l-prova trid issir fuq bilanc ta' probabilita'. Fil-fehma tal-Qorti l-attur nomine ma rnexxilux jilhaq dan il-grad ta' prova bil-provi li ressaq u dan kemm minhabba konflitt f'diversi aspetti bejn dak li qal il-konvenut u dak li qalu x-xhieda ta' l-attur nomine u peress li l-istess attur nomine ma rnexxilux jistabilixxi jekk effettivament George Falzon kienx ghadda l-polok f'idejn il-konvenut semplicement biex ikunu fiz-zgur. Jekk dik kienet l-intenzjoni tieghu, ma jidhirx li dan seta' gie kjarament spjegat lill-konvenut meta saret il-konsenja. Difatti Carmel Cortis, ix-xufier li apparentement akkompanjah meta mar ghand Falzon u li certament ghandu jitqies bhala persuna dizinteressata, xehed dwar din l-okkazjoni. Huwa qal li darba kien mar b'qadja mal-konvenut fl-iskola ta' Hal-Qormi u meta lestew u kienu hirgin iltaqghu ma' omm il-konvenut. Din qalet lill-konvenut li xi hadd li jigi minnu kien ta curkett lil hu l-konvenut. Huma marru ghandu dak il-hin stess. Meta dahlu ghandu, il-konvenut qallu: "Ghalija m'ghandekx xi haga tad-deheb? Lili biss ma tajt xejn." L-iehor wiegbu: "Veru; lilek biss ma tajt xejn." Huma kienu fl-intrata u dak il-hin stess dan ir-ragel tela' fuq u nizel b'xi borza jew

carruta b'xi haga mkebba fiha u lill-konvenut waqt li tahielu qallu: "Ha; din ghalik." Il-konvenut ma fetahx il-borza quddiemu. Il-konvenut sussegwentement qallu x'kien tah dak ir-ragel anzjan.

Mela minn banda ghandna x-xiehda ta' Dun Guzepp Fenech u Antonio Genovese li strahu fuq xi haga li qalilhom Falzon, u mill-banda l-ohra hemm ix-xiehda tal–konvenut u ta' persuna li stqarret li kienet presenti meta d-deheb inghata lill-konvenut (ghalkemm kull ma ra kienet borza li ma nfethitx quddiemu).

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk it-talba attrici ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici u tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju. Bl-ispejjez li fic-cirkostanzi tal-kaz jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Grazio Galea
D/Registratur